31 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Moses J. Vella *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne. et.

## Lokazzjoni — Rekwiżizzjoni — Danni fil-Fond Rekwiżizzjonat — Depożitu taċ-Ċwievet — Ministru — Delegat tal-Ministru — Mandat

*Fil-każ ta' kawża fejn huwa mħarrek Ministru tal-Gvern, ma għandux "locus standi" delegat tal-istess Ministru, li bħala tali huwa mandatarju tal-istess Ministru; u għalhekk hemm lok li dak id-delegat jiġi liberat mid-domanda.*

*Jekk fond li kien rekwiżizzjonat jiġi meħlus mir-rekwiżizzjoni u jiġi restitwit lil sidu, u s-sid jirrifjuta l-konsenja tal-fond għax jippretendi li fih xi danni, ma tistax l-awtorità rekwiżizzjonanti tiddepożita ċ-ċwievet rifjutati mis-sid; għax tibqa' dejjem il-kwistjoni jekk kienx hemm raġuni valida biex is-sid jirrifjuta li jaċċetta ċ-ċwievet.*

*Sakemm ma jkunx sar l-aċċertament tal-ħsara fil-fond, is-sid hu ġustifikat li ma jieħux il-konsenja tal-fond; u għalhekk l-awtorità rekwiżizzjonanti mhix leġittimata tgħaddi għad-depożitu ta' dawk iċ-ċwievet, u ma tistax tippretendi li s-sid kellu jirċievi l-konsenja tal-fond, avvolja bil-ħsara, u mbgħad ifittex il-Gvern għad-danni eżistenti, u dan biex ma jkabbarx id-danni billi jħalli l-post mhux mikri sakemm jispiċċa*

*l-proċediment ġudizzjarju. Jekk stess is-sid ma jieħux passi ġudizzjarji biex isir l-aċċertament tad-danni, hu obligu tal-awtorità rekwiżizzjonanti li tipprovoka hija stess dan l-aċċertament tad-danni, u biss wara dan l-aċċertament tkun legalment ġustifikata tgħaddi għad-depożitu taċ-ċwievet, fil-każ li s-sid ikompli jirrifjuta ċ-ċwievet.*

*Għaldaqstant, is-sid huwa ntitolat għall-kera li tilef fil-perijolu bejn meta l-fond ġie derekwiżizzjonat u l-jum li fih huwa seta' jirtira ċ-ċwievet li kienu depożitati.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħuda l-provvedimenti kollha opportuni; peress li l-attur, proprjetarju tal-garage fin-numru 43, ġà numru 29, Howard Street, Sliema, liema fond flimkien mal-kantina tiegħu kien dam żmien rekwiżizzjonat għand il-Gvern, ma setgħax jaċċetta l-konsenja tal-istess fond meta l-Gvern ried iħallieh, billi ma kienx ġie lilu offert kumpens adegwat għad-danni riskontrati fix-"shutter" tal-ħadid, li jifforma l-uniku bieb għat-trieq mill-istess garage, u għalhekk l-esponent kellu jirrikorri lill-Emergency Compensation Board għal-likwidazzjoni tal-kumpens xieraq, mentri l-Gvern iddepożita taħt l-awtorità ta' din il-Qorti tant il-kumpens offert kemm iċ-ċwievet ta' dan il-fond; peress li l-instanti seta' jieħu f'idejh iċ-ċwievet tal-fond u jagħti rkaptu għar-riparazzjonijiet meħtieġa biss wara d-deċiżjoni tal-Emergency Compensation Board, li ngħatat fit-18 ta' Frar 1953, u li tat raġun lill-attur, billi ffissat il-kumpens dovut għal £20, mentri biss l-Gvern kien offra £3, u għalhekk seta' jibda jikri dana l-fond biss fl-ewwel ta' Novembru 1953; peress li, minħabba inadempjenza tal-konvenuti nomine, u stante nuqqas tagħhom mill-obligi legali, il-konvenut sofra danni, billi tilef il-kera ta' dana l-fond mill-ewwel ta' April 1947, data li fiha l-Gvern waqaf milli jħallas, sal-31 ta' Ottubru 1953 kif fuq spjegat, u l-konvenuti, interpellati bl-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju 1953 biex iħallsu dawn id-danni, baqgħu inadempjenti;

Talab li l-konvenuti nomine, prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabilità tagħhom di fronti għall-attur għat-telf ta' kera li huwa sofra relativament għall-fond numru 43 Howard Street, Sliema, għall-perijodu mill-ewwel ta' April 1947 sal-31 ta' Ottubru 1953, u dana peress li ma għamlux tajjeb għad-danni meta ġew biex jirrilaxxjaw l-istess fond, jiġu kundannati jħallsu lill-attur, per saldu tal-istess telf ta' kera u b'titolu ta' danni, is-somma ta' £87.15.0, kalkulata a bażi tal-kumpens ta' £13.10.0 fis-sena li l-Gvern kien qiegħed iħallas għall-istess fond; bl-imgħax legali mit-18 ta' Lulju 1953. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju 1953, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali tan-nuqqas ta' "locus standi" tal-konvenut Podestà f'din il-kawża;

Illi l-konvenut Onorevoli Dr. Giorgio Borg Olivier, illum Onorevoli Joseph Ellul Mercer, jinsab imħarrek bħala Ministru tax-Xogħolijiet u Rikostruzzjoni; u għalhekk, kif sewwa ssottomettew il-konvenuti, ma kienx hemm bżonn li jiġi wkoll imħarrek l-imsemmi Podestà, li mhux ħaġ'oħra ħlief delegat tal-imsemmi Ministru, u kwindi huwa mandatarju tiegħu. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza (v. P.A. 5 ta' Ġunju 1956, in re "Onor. Imħallef Magri vs. Onor. Ellul Mercer et. ne.") Konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-konvenuti hija sostnuta;

Illi l-konvenuti ssottomettew ukoll li l-kantina in kwistjoni ġiet kompletament "reinstated", u li l-kumpens għall-okkupazzjoni tagħha mħallas sal-31 ta' Marzu 1947, u sa din id-data ġie mħallas il-kumpens relativ għall-garage, salv dejjem il-kumpens dovut sas-16 ta' Jannar 1948, meta ġew depożitati ċ-ċwievet taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti; u konsegwentement il-konvenuti, salv dan il-bilanċ tal-kumpens, jippretendu li ma għandhom jagħtu xejn lill-attur;

Illi, għad li l-konvenuti jsostnu li l-kantina u l-garage, rekwiżizzjonati separatament, għandhom jiġu kunsidrati u trattati bħala żewġ fondi distinti, il-Qorti hija tal-fehma illi, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, għandhom jittieħdu bħala ħaġa waħda. Difatti, irriżulta illi ż-żewġ ambjenti ġew dejjem mikrija flimkien (fol. 16 tergo); u meta l-kantina ġiet rekwiżizzjonata u adibita għal "shelter" publiku, il-bieb li kellha għad-dar tal-attur ġie mbarrat, b'mod li minn naħa tal-attur ma kienx jista' jinfetaħ. Tant hu hekk illi, meta sar l-aċċess mill-Perit England Sant Fournier, bħala membru tekniku tal-Emergency Compensation Board, u ma kienx possibbli, minħabba d-difett fix-"shutter", l-aċċess mill-bieb tal-garage, l-attur kellu jiskossa l-bieb tal-kantina. Għalhekk din l-eċċezzjoni mhix ammissibbli;

Illi xejn ma jiswa li l-konvenuti ddepożitaw iċ-ċwievet tal-garage taħt l-awtorità tal-Qorti; għaliex tibqa' dejjem il-kwistjoni jekk kienx hemm raġuni valida biex l-attur, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenuti fl-imsemmija ċedola tas-16 ta' Jannar 1948 (fol. 57), jirrifjuta li jaċċetta dawk iċ-ċwievet;

Illi, dwar din il-kwistjoni, il-konvenuti jippretendu li l-attur kien imissu jirċievi l-konsenja tal-garage avvolja kien hemm xi ħsara, speċjalment fix-"shutter", u mbgħad ifittex lill-Gvern għad-danni eżistenti, u mhux ikabbar dawn id-danni billi jħalli l-post mhux mikri sakemm ma jispiċċawx il-proċeduri ġudizzjarji;

L-attur, minn naħa tiegħu, isostni li huwa ma kienx obligat jaċċetta ċ-ċwievet qabel ma jsir aċċertament regolari u vinkolanti tal-ħsara, speċjalment dik fix-"shutter"; għaliex kull dritt tiegħu għal dik il-ħsara kien jiddependi minn dak l-aċċertament; u kieku huwa sewwa l-ħsara qabel dak l-aċċertament, kien jitlef il-mezz uniku disponibbli biex jipprova r-responsabilità tal-Gvern rekwiżizzjonanti;

Illi mill-provi rriżulta li fit-trattativi ta' arranġament, li pprecedew il-proceduri ġudizzjarji, kien sar access fuq il-post; u għalkemm ix-"shutter", minħabba difett fil-molol, ma setgħax jitla' aktar minn tlieta jew erbgħa piedi, u biex iżomm kellu jiġi sostnut per mezz ta' xi injam, il-Gvern baqa' jippretendi li x-"shutter" kien jaħdem tajjeb; u saħansitra, quddiem l-Emergency Compensation Board, ik-kontesta l-pretensjoni tal-attur mhux għar-raġuni oħra ħlief li "the shutters mentioned by applicant were found to be in working order by Mr. Harold Borg, A. & C.E., in applicant's presence"; mentri mbgħad anki quddiem dak il-Board, irriżulta l-kuntrarju, u kellha ssir il-konstatazzjoni relativa mill-membru tekniku Perit England Sant Fournier; u bħala konsegwenza ġie akkordat lill-attur kumpens ta' £20 bħala "damages and compensation" (ara sentenza tal-E.C. Board tat-18 ta' Frar 1953);

Illi minn dan jidher li l-attur, sakemm ma sarx l-accertament tal-ħsara, kien ġustifikat li ma jieħux konsenja tal-fond, u għalhekk il-konvenuti ma kienux leġittimati jgħaddu għad-depożitu ġudizzjarju taċ-ċwievet. Kieku biss l-attur ma ħax passi ġudizzjarji, kienu obligati jaġixxu l-konvenuti u jipprovokaw huma l-accertament tad-danni; u biss wara dan l-accertament kienu jkunu legalment ġustifikati jgħaddu għal dak id-depożitu, fil-każ li l-attur kien ikompli jirrifjuta ċ-ċwievet (ara każ analogu riportat fil-Kollezzjoni, Vol. XXXII-I-207). Issa, irriżulta li dak l-acertament sar għall-ħabta tat-18 ta' Ġunju 1952 — dáta li fiha l-Perit England Sant Fournier żbanka ċ-ċwievet mir-Reġistru tal-Qorti; u għalkemm l-attur fittex li jirtira dawk iċ-ċwievet, huwa ma rnexxielux jiżbankhom qabel id-9 ta' Novembru 1953, jiġifieri fl-istess ġurnata li fiha l-Perit England Sant Fournier reġa ddepożitahom fir-Reġistru;

Illi ma għandhiex valur l-obbjezzjoni tal-konvenuti li mhux spjegabbli kif l-attur qiegħed jitlob kumpens sal-31 ta' Ottubru 1953, mentri s-sentenza tal-Board li accettat id-danni relativi għax-"shutter" ġiet mogħtija fit-18 ta' Frar

1953; difatti, l-attur, kif ġa ngħad, ma setgħax jirtira ċ-ċwievet qabel id-9 ta' Novembru 1953; u billi d-depożitu, qabel sar l-aċċertament ma kienx validu, il-konvenuti għandhom jirrispondu tal-konsegwenzi kollha derivanti u inerenti għal dak id-depożitu, salva kull azzjoni li jista' jkollhom kontra min kien il-ħtija tad-dewmien fir-ridepożitu;

Illi lanqas tiswa l-obbjezzjoni li l-attur seta' jikri l-garage lil ċertu Joseph Mercieca, li kien pront isewwi l-ħsara fix-"shutter"; difatti, dan Mercieca aċċetta li jsewwi dik il-ħsara peress li kien jikkalkola l-ispiża sa £3 jew £4; imma verosimilment ma kienx jaċċetta dak l-obligu kieku jaf, kif kien żgur ikun jaf fil-każ li t-trattattivi seħħew, li l-ispiża kienet ser tkun bil-bosta akbar, likwidata mill-Board fuq imsemmi fis-somma ta' £20. Di pjù, skond ix-xhieda tiegħu, dan Mercieca ħaseb li kien hemm molla biss miksura, mentri rriżulta li l-molol li ġew sostitwiti kienu tlieta (fol. 58);

Illi fuq l-ammont mitlub, ta' min jinnota li l-kalkolu mhux eżatt, u għalhekk qegħedha tiġi magħmula riżerva favur l-attur għad-differenza lilu talvolta dovuta, "si et quatenus";

**Għal dawn il-motivi;**

**Tilqa' l-preġudizzjali fuq opposta, u tillibera lill-konvenut Wilfred Podestà; bl-ispejjeż relativi kontra l-attur;**

**U, prevju r-riġett tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti, tilqa' d-domandi tal-attur; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti l-oħra nomine.**